*KUNJOM*

*ZBALL*

*CERTIFIKATI PARROKKJALI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 811/2017/LSO**

**Marouska Frantz (K.I. 0477379M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Marouska Frantz (detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 0477379M) *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta datat 6 ta’ Settembru 2017, fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat is-segwenti fatti li hija taf bihom personalment:

IlIi l-esponenti twieldet fit-23 ta' Settembru, 1979 fl-lsptar San Luqa, Pieta minn Alfred Frantz u Helen Frantz *nee'* Aquilina, u din giet sussegwentament indikata fl-att ta' twelid taghha bl-isem u l-kunjom ta' *Maruska Franz* (Kopja tal-karta tal-identita' tal-esponenti annessa u mmarkata bhala "Dok. A");

IlIi ricentament l-esponenti giet a konoxxenza tal-fatt illi kemm l-isem u kif ukoll il-kunjom taghha, kif jirrizultaw mill-Att ta' Twelid registrat fir-Registru Pubbliku f'Malta (Registrazzjoni Numru 4773/1979) (kopja ufficjali annessa u mmarkata bhala **"Dok. B**"), gew indikati erronjament;

Illi b'dan gara li fl-ewwel lok, isem l-esponenti gie indikat bhala *Maruska* minflok *Marouska.* Madanakollu, fuq talba tal-esponenti stess, l-isem taghha kif kien precedentament jidher fuq ic-Certifikat ta' Twelid gie emendat permezz t'annotazzjoni maghmula fl-att *de quo* mid-Direttur tar-Registru Pubbliku *ai termini* tal-Artikolu 278A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-kwistjoni giet rizolta;

Illi fit-tieni lok, jirrizulta ukoll li fuq l-imsemmi Att ta' Twelid tas-Sinjura Frantz gie indikat bi zvista l-kunjom *Franz* minflok il-kunjom attwali ta' l-esponenti, ossia l-kunjom paternali ***Frantz,*** u dan kemm fir-rigward tal-kunjom kif indikat taht il-kolonna "Isem u kunjom" ta' missier it-tarbija, kif ukoll il-kunjom imnizzel fil-kolonna bl-intestatura "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" fic-certifikat *de quo;*

Ghaldaqstant, a kawza ta' dawn l-izbalji tipografici l-kunjom ta' Alfred Frantz (kopja tal-karta tal-identita` tal-istess annessa u mmarkata "Dok. C"), li huwa missier l-esponenti, kif inhu mnizzel fuq ic-certifikat ta' twelid ta' din ta' l-ahhar, ma jikkorrispondix mal-veru kunjom tieghu, b'dan illi din l-inkorrettezza qed tinfrangi d-dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi, senjatament l-Artikolu 4, subinciz (3) tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, li jirrikjedi testwalment illi:

*Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha* (sottolinear mizjud ghall-enfasi).

Illi ghalhekk isegwi li dan l-izball, ghalkemm wiehed relattivament superficjali, jehtieg jigi radrizzat sabiex kunjom l-esponenti jirrispekkja l-kunjom attwali ta' missierha, propju kif tezigi l-ligi sopra-citata;

Illi in sostenn tal-premess u ghal kull buon fini, mal-prezenti rikors qieghda tigi annessa kopja ta' ittra (annessa u

mmarkata bhala "Dok. D") li ntbaghtet ghan-nom tal-esponenti mill-avukat sottoskritt lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-18 ta' Lulju, 2016 fejn permezz taghha dan intalab jaghmel il-korrezzjoni mehtiega sabiex l-Att ta' Twelid tas-Sinjura Frantz jigi jaqra l-kunjom korrett *Frantz* fejn u kif mehtieg, liema talba pero` ma gietx akkolta;

Illi flimkien ma’ din l-ittra gew mehmuza wkoll diversi dokumenti li qeghdin jigu riprodotti f’din il-kawza sabiex iservu ta' prova li l-kunjom attwali ta' missier l-esponenti huwa dak surriferit, u cioe' **Frantz,** mhux **Franz,** kif indikat b'mod zbaljat fil-kolonna "isem u kunjom" ta' missier it-tarbija fl-imsemmi certifikat. B'dan naturalment jikkonsegwi li l-kunjom ta' Henry Frantz, missier Alfred Frantz, kif indikat taht il-kolonna "Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" ukoll huwa mnizzel erronjament;

Illi sussegwentement, ir-rikorrenti ntavolat rikors numru 37/17 JGD fil-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili fejn din talbet li jigi korrett l-kunjom ta' missierha kif jirrizulta fl-att ta' twelid taghha;

Illi madanakollu, permezz ta' digriet moghti nhar l-10 ta' Marzu 2017, il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili cahdet it-talba tar-rikorrenti billi ddikjarat ruhha nkompetenti li tiddeciedi dwar ir-rikors, salv kull dritt ta' rigress quddiem il-Qorti Civili kontenzjuza kompetenti (kopja tad-digriet anness u mmarkat bhala **"Dok. E**");

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti umilment titlob illi din il-Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna;

1. Tiddikjara illi l-kunjom *Franz,* kif u fejn indikat fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u tlieta u sebghin (4773/1979), mhuwiex il-kunjom attwali ta' missier l-esponenti, u b'hekk lanqas tan-nannu taghha, Henry Frantz, b'dan illi konsegwentement il-kunjom attwali tal-esponenti huwa propju *Frantz;*

2. Tordna illi l-konvenut jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u tlieta u sebghin (4773/1979), fis-sens illi fil-kolonna "Isem u Kunjom" ta' missier it-tarbija u fil-kolonna "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kunjom indikat erronjament bhala *Franz* jigi sostitwit, u minfloku jitnizzel il-kunjom korrett, u cioe` *Frantz;*

3. Taghti u tiffissa zmien *entro* liema l-konvenut ghandu jaghmel il-korrezzjonijiet hekk ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' Ottubru 2017 (fol 30) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

4. Illi rigward il-premessi tar-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha, l-esponenti tibda sabiex tixhet dawl fuq is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, bin-numru progressiv 4773 tas-sena 1979, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi:

(i) Isem u kunjom missier ir-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Alfred Franz',

(ii) Isem u kunjom omm ir-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Helen wife of the said Alfred Franz', u,
(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Henry Franz'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Alfred Frantz kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

b. Illi fl-Att taz-Zwieg ta' missier ir-rikorrenti, bin-numru progressiv 2322 tas-sena 1975, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', jidher illi:
(i) Isem u kunjom missier ir-rikorrenti gew mnizzla bhala 'Alfred Frantz', u
(ii) Isem u kunjom n-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Enrico Frantz';

c. Illi fl-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrenti, bin-numru progressiv 9107 tas-sena 1944, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', jidher illi:
(i) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Enrico Frantz'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Enrico Frantz kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

d. Illi fl-Att tat-Twelid tan-nannu tar-rikorrenti, bin-numru 1070 tas-sena 1910, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', jidher illi:

(i) Isem u kunjom il-buznannu tar-rikorrent gew imnizzla bhala 'Federico Franz',

(ii) Isem u kunjom il-buznanna tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Filippa moglie di detto Federico Franz',

(iii) Isem u kunjom il-buz-buz-nannu tar-rikorrenti gew imnizzla bhala 'Enrico Franz';

5. Illi l-esponenti tissottometti illi *stante* s-suespost, id-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti galadarba ma jirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex kienu d-dikjaranti nnfushom li ddikjaraw u accettaw tali informazzjoni permezz tal-firma;

6. Illi ghalaqstant, fil-mertu l-esponenti ser tirrimmetti ruhha ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 27 ta' Frar 2018 (fol 51) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat iddikjarat li ghalqet il-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fil-11 ta' Settembru 2017 (fol 22) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li fl-att tat-twelid taghha, fil-kolonna "Isem u kunjom ta' missier it-tarbija", il-kunjom "Franz" jigi sostitwit bil-kunjom "Frantz".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-kunjom ta' missierha kien "Frantz" u mhux "Franz" u dan sabiex jigi stabbilit jekk sarx zball fl-atti in mertu. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrenti esebiet kopja tal-karta tal-identita` ta' missierha u ommha esebiti bhala

Dok C mar-rikors promotur, fejn il-kunjom hu indikat bhala Frantz. Illi gie esebit ukoll kopja tac-certifikat taz-zwieg ta' missier u omm ir-rikorrent Dok F anness mar-rikors promotur. Illi f'dan ic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-Parrocca, il-kunjom huwa indikat bhala "Frantz".

Inoltre`, missier ir-rikorrent, Alfred Frantz, xehed permezz ta' affidavit (fol 41-42) fejn qal li hu mizzewweg lil Helen Frantz, u esebixxa c-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti binthom bhala Dok AF1, fejn il-kunjom huwa indikat bhala "Frantz". Hu esebixxa wkoll ic-certifikat tal-maghmudija tieghu bhala Dok AF2, fejn ukoll il-kunjom huwa indikat bhala "Frantz". Hu ammetta li kien iffirma hu d-dikjarazzjoni kif registrata tal-att tat-twelid ta' bintu, izda ma ndunax li kien hemm id-diskrepanzi ghaliex kieku ma kienx jiffirma. Qal, li sa fejn jiftakar hu, dejjem uzaw il-kunjom "Frantz" tant li t-tlett uliedu l-ohra gew registrati bil-kunjom "Frantz" fl-att tat-twelid taghhom. Zied ighid li sar jaf biss b'dak indikat fl-att tat-twelid ta' missieru rigward il-kunjom meta ra Dok DRP4 esebit mar-risposta tal-intimat fejn kunjom in-nannu tar-rikorrent huwa indikat bhala "Franz".

Izda, jirrizulta wkoll mid-dokumenti annessi mar-risposta tal-intimat, Dok DRP2, li l-att taz-zwieg ta' missier ir-rikorrenti numru 2322 tas-sena 1975, il-kunjom indikat hemmhekk huwa "Frantz", anke ta' missier Alfred Frantz, huwa indikat bhala "Enrico Frantz". *Di piu`*, fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti numru 9107 tas-sena 1944, esebit bhala Dok DRP3, il-kunjom huwa wkoll indikat bhala "Frantz".

F'dan il-kuntest, u fid-dawl tad-dokumenti esebiti, ikkonsidrat, li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* "*l-atti u r-registri tal-parrocci dwar it-twelid, zwieg, u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan*" (**art. 629(b) tal-Kap 12**). Ghalhekk, id-dokumenti esebiti f'dan il-kaz, Dok F u Dok AF1 u Dok AF2 ghandhom jinghataw rikonoxximent mehtieg biex jikkorroboraw x-xhieda moghtija, *stante* li f'dawn l-atti, l-kunjom hu dejjem referut bhala "Frantz".

Ikkunsidrat ukoll, li l-**artikolu 4(3) tal-Kap 16** jipprovdi li l-"*Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warjah jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha*."

Difatti, jirrizulta mill-atti tal-kaz, li missier ir-rikorrenti kien maghruf bil-kunjom "Frantz" u fl-atti ufficjali tieghu kien indikat bil-kunjom "Frantz." In sostenn ghat-talba taghha, r-rikorrenti esebiet ukoll kopji tac-certifikati akkademici bhala Dok G (fol 15-16) fejn kunjom ir-rikorrenti huwa mnizzel bhala "Frantz" u Dok H formola tat-taxxa tar-rikorrenti sabiex turi li hija kienet maghrufa bil-kunjom "Frantz." Dan qed jigi senjalat minhabba li dawn ukoll huma provi korroboranti tat-tezi tar-rikorrenti.

Ikkonsidrat li hemm kunfliggenza mhux biss bejn xi atti tal-istat civili u l-atti parrokkjali, imma anke bejn xi atti tal-istat civili u atti ohra rilaxxjati mir-Registru Pubbliku.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Referibbilment ghat-tielet eccezzjoni tal-intimat, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-kunjomijiet. Izda t-talba odjerna tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16, billi dak li qed jintalab huwa li jigi korrett zball ossija diskrepanza fil-mod kif inhu spellut il-kunjom, u mhux li jinbidel il-kunjom. Difatti, l-artikolu tal-ligi sucitat, ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korregut, u ghalhekk, dak mitlub fejn bi zball jew bi zvista tnizzel "Franz" minflok "Frantz", jista' jinkwadra taht din id-dispozzizzjoni tal-ligi.

Illi t-talba tar-rikorrenti ghall-korrezzjoni ta' kunjom fl-att tat-twelid taghha trid bilfors tintrabat mal-kunjom tal-missier ghaliex huwa kunjom il-missier u mhux kunjom it-tarbija li jitnizzel fl-att tat-twelid ta' dak li jkun. Fil-kaz odjern, jirrizulta li kunjom missierha huwa registrat bhala "Frantz" (DOK DP3).

Illi inoltre gie wkoll ribadit li "*jekk ghat-terzi t-talba tal-attur m'huwiex mahsub li tohloq l-ebda pregudizzju, it-talba tal-attur hija immirata ghal beneficcju li jehilsu minn qaghda ta' inkonsistenza li tinsab fit-taghrif dokumentali ufficjali dwaru. Fi kliem iehor, ghan-nuqqas ta' pregudizzju tat-terzi persuni bl-akkoljiment tat-talba attrici, hemm beneficcju konkret ghall-istess attur jekk it-talba tieghu tintlaqa'. Dan huwa*

*mottiv u raguni tajba bizzejjed biex l-ilment tieghu jinghata widen."*[1]

*Stante* dan kollu premess, din il-Qorti ser takkolji t-talba tar-rikorrent salv ghall-kap tal-ispejjez *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u tlieta u sebghin tas-sena 1979 (4773/1979), il-kunjom "Franz" mhuwiex il-kunjom ta' missier ir-rikorrenti u b'hekk lanqas tan-nannu taghha, Henry Frantz, b'dan illi konsegwentement il-kunjom attwali tal-esponenti huwa propju *Frantz;*

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, seba' mija u tlieta u sebghin (4773/1979), fis-sens illi fil-kolonna "Isem u Kunjom" ta' missier it-tarbija u fil-kolonna "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kunjom indikat erronjament bhala *Franz* jigi sostitwit, u minfloku jitnizzel il-kunjom korrett, u cioe` *Frantz;*

[1] **Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku (PA - JRM) - 24.10.2002**

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta,** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**